29 ta' Ottubru, 1952

Imħalef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Giuseppa Falzon *versus* James Maxwell Watson ne. (*)**

**Azzjoni Rivendikatorja — Pussess — Prova.**

*Estremi ta' l-Azzjoni Rivendikatorja huma li l-attur jipprova d-dominju tiegħu fuq il-ħaġa minnu rivendikata, u li huwa akkwista dak id-dominju leġittimament, u li l-konvenut jippossjedi dik l-istess ħaġa.*

*Dwar l-ewwel rekwiżit, il-prova trid tkun pjena u konvinċenti; u l-konvenut fl-azzjoni rivendikatorja ma għandux bżonn jagħmel ebda prova sakemm ma jiġi pruvat id-dominju tar-rivendikant fuq il-ħaġa.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, wara li ppremettiet illi l-konvenut jippossjedi parti, tal-kejl ta' erba' sigħan u erba' kejliet, mill-għalqa "ta' Harraskun", limiti ta' Każal Kirkop, tal-kejl ta' sebat itmiem, ġà kollha enfitewsi temporanea għand l-attriċi—liema parti hija annessa ma' l-aerodrome ta' Każal Luqa; u illi l-pussess tal-konvenut nomine ma hux validu fil-liġi, billi l-instanti qatt ma ttrasferietlu din il-parti bl-ebda titolu ta' pussess jew ta' trasferiment ta' proprjetà; talbet illi jiġi dikjarat u deċiż illi dik il-parti tal-għalqa "ta' Harraskun" fuq msemmija tappartjeni lill-attriċi bħala suġġetta għall-pagament taċ-ċens relattiv. Bl-ispejjeż;

(*) Konfermata fl-Appell, 18. 5. 1953.

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-eċċezzjoni sollevata, wisq raġjonevolment, mill-konvenut, dik, jiġifieri, li tiġi identifikata l-art pretiża bħala proprjetà tagħha mill-attriċi, tinsab riżoluta, billi mill-konklużjoni in propożitu raġġunta mill-perit legali, mhux kontestata mill-konvenut u l-imsejħin fil-kawża, u li l-Qorti tagħmel tagħha, l-art imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni ġiet identifikata bħala dik hekk pretiża mill-attriċi;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qiegħda tintenta l-azzjoni rivendikatorja, li għandha bħala estremi (1) li l-attur jipprova li għandu d-dominju fuq il-ħaġa u li akkwista d-dominju fuq il-ħaġa u li akkwisita dak id-dominju leġittimament, u (2) li l-konvenut jippossjedi dik l-istess ħaġa: "duo extrema leges exquirunt ab actore immissionem flagitante, perspicua nempe illius vocatio, ac possessio bonorum apud reum conventum" (Melivetana, Executionis Testamenti, 21. 1. 1782, coram Azedo);

Illi, dwar l-ewwel rekwiżit, il-prova trid tkun pjena u konvinċenti—"dominium plene et concludenter probandum est ad effectum rei vindicationis, ubi non agitur incidenter de dominio sed quid principaliter" (L. quidem Dig. de condit. instit. ubi Part. n. 4). Mill-provi miġjuba quddiem il-perit legali jirriżulta mingħajr ombra ta' dubju, kif ikkonkluda l-istess perit — u anki hawn il-Qorti taqbel ma' din il-konklużjoni — illi l-attriċi ppruvat illi għandha d-dominju fuq l-art fuq imsemmija, jiġifieri ċ-ċens temporanju għaż-żmien li baqa' minn 99 sena li bdew jgħaddu mill-15 ta' Awissu 1894, salv il-ħlas taċ-ċens relativ ta' xi 10s. 6½d., jew ir-rata tagħha minn £9. 10. 0 ċens temporaneu fuq l-art kollha li tagħha l-art fil-kwistjoni tagħmel parti. Il-konvenut u l-imsejħin fil-kawża ma kkontestaw bl-ebda mod il-provi ta' l-attriċi. Dan in-nuqqas ta' kontestazzjoni jinfluwixxi fuq il-konvenut, possessur ta' dik l-art, kif sejjer jingħad, u fuq l-imsejħin fil-kawża;

Fuq il-konvenut jinfluwixxi mhux għaliex huwa kellu jagħmel xi prova biex iwaqqa' l-pretensjoni ta' l-attriċi. Infatti hu magħruf illi f'materja ta' azzjoni rivendikatorja "il possessore non ha nulla da provare; egli non è l'attore, e non oppone alcuna eccezione al rivendicante; egli non vi ha alcun in-

teresse finchè l'attore non ha provato il fondamento delle sue pretensioni. Egli attende le prove che il rivendicante allegherà......... Finchè non fornisce questa prova, il convenuto non ha nulla da provare; egli può serbare il silenzio, e vincerà la lite per ciò solo che il rivendicante non avrà provato di essere proprietario" (Laurent, Vol. VI, para. 16). "Requisito legitimae probationis deficiente ex parte actoris sufficit reo convento possessore vincere per non jus actoris" (Melivetana, Reintegrationis, 25. 4. 1727, coram Ronalt de Gamaches). "Solus defectus vocationis sufficit ad repellendum actorem a pretensa immissione" (Melivetana, Immissionis, 22. 7. 1727, coram Calcagnino). "Actore in faciendis probationibus deficiente nullam competit rei vindicationem, satisque et possessoribus vincere per non jus actoris" (L. Possessionis, 2. Cod. de Prob.);

Fuq il-konvenut jinfluwixxi, però, dak in-nuqqas ta' kontestazzjoni, fis-sens illi, wara l-provi miġjuba mill-attriċi, huwa rrimetta ruħu għall-istess provi. L-istess nuqqas ta' kontestazzjoni, imbagħad, jinfluwixxi b'mod serju fuq l-imsejħin fil-kawża; għaliex huma qegħdin jallegaw illi għandhom il-proprjetà ta' l-art in kwistjoni, u għalhekk għandhom jippruvaw il-pretensjoni tagħhom, almenu wara l-provi miġjuba mill-attriċi; billi "reus in excipiendo fit actor";

Illi dwar it-tieni rekwiżit, il-konvenut stess jammetti illi huwa jippossjedi l-art fuq imsemmija, li huwa jgħid li akkwista minn għand l-msejħin fil-kawża. Infatti huwa jiġġustifika l-pussess ta' l-istess art bl-akkwist tagħha minn għand l-imsejħin fil-kawża;

Illi għalhekk it-talba ta' l-attriċi tirriżulta ġustifikata;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk tal-perizja legali, li huma ampjament adottati;

Tiddeċidi adeżivament għat-talba ta' l-attriċi. L-ispejjeż kollha tal-kawża jħallsuhom l-imsejħin fil-kawża; imma l-ispejjeż ta' l-attriċi provviżorjament għandu jħallashom il-konvenut.